# QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikoli 17, 31, 33A, 49, 50, 214, 215, 216, 289, 338(dd), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. Can**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**-OMISSIS-**

**-OMISSIS-**

**YOUSEF ESSESI (Karta tal-Identita' Nru.: 509491M)**

**Illum 18 ta' Frar, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li –**OMISSIS-,-OMISSIS- u YOUSEF ESSESI** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 509491M tressqu quddiemha akkuzati talli:

Nhar is-17 ta' Mejju 2012 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30hrs) gewwa divizjoni numru 6 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja tal-prigunier Jeffrey Cassar f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jeffrey Cassar mill-Mosta, liema griehi gew certifikati bhala gravi minn Dr. Maureen Bezzina Med. Reg.:5271.

**YOUSEF ESSESI** wahdu gie akkuzat talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. F. Depasquale datata 1 ta' Marzu 2012.

U aktar talli volontarjament kisru l-kwiet, u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Talli saru recedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tittratta lil hatja ai termini tal-Artikoli 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre ntalbet sabiex f'kaz ta' htija meta jidhrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Jeffrey Cassar jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lil hajta b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti b'mod partikolari l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Frar, 2016 a fol. 221 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat illi l-imputat **YOUSEF ESSESI** ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif verbalizzat minnu fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2016.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar, 2016 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tmintax (18) ta' Frar 2016.

Il-Qorti, qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe' illi dan l-incident fejn wegga' Jeffrey Cassar, prigunier detenut fid-Divizjoni numru 6 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sehh proprju fil-kumpless tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u bhala rizultat tal-aggressjoni tal-imputat Essesi dan gie msawwat u ferut skond ma ccertifikat Dr. Maureen Bezzina nhar is-17 ta' Mejju, 2012 (Dok. Z1 fol. 71). Minn ezami ta' dan ic-certifikat jirrizulta li effettivament il-feriti li sofra Jeffrey Cassar kienu gravi per natura.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat m'gharafx is-serjeta' tal-ghemil tieghu u cioe' il-fatt li kien il-habs fejn kellu jirriforma ruhu u mhux ikompli jzid il-kawzi tieghu u ghalhekk skond l-Artikolu 33A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ic-cirkostanzi ghandhom jitqiesu bhala aggravju w il-Qorti ghandha zzid il-piena bi grad jew tnejn.

Il-Qorti, rat ukoll il-Fedina Penali tal-imputat li tinsab esebita fl-atti a fol. 40 et seq. u li hija wahda riflettarja hafna. Minn ezami tal-istess jirrizulta illi bejn il-perjodu tad-29 ta' Mejju 2009 u 1 ta' Marzu 2012, l-imputat kellu diversi udjenzi quddiem il-Qorti u nstab hati ta' diversi reati ta' serq, uzu hazin ta' komunikazzjoni elettronika, offizi ta' natura hafifa, ta' hsara volontarja fejn gie kkundannat Probations, Sentenzi Sospizi u Sentenzi ta' habs. Illi cio nonostante l-imputat ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi w rega' spicca l-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Il-Qorti ghalhekk thoss illi f'tali cirkostanzi hija ghandha tinfliggi piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u appuntu l-Artikoli 17, 31, 33A, 49, 50, 214, 215, 216, 289, 338(dd), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>qed issib l-imputat YOUSEF ESSESI hati fuq l-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni ghal dik l-akkuza fejn gie akkuza talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Matgistrati per Magistrat Dottor Depasquale fl-1 ta' Marzu, 2012.</u> <u>Fil-konfront tal-akkuzi li din il-Qorti sabet lill-imputat YOUSEF ESSESI hati qed tikkundannah kumplessivament tliet (3) snin prigunerija effettiva. Oltre dan qeghda torbot lill-istess imputat, taht penali ta' elf Ewro (€1000) li ma jimmolestax u ma jingurjax lil Jeffrey Cassar ghall-perjodu ta' sena (1) millum ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9. Qeghda</u>**

**wkoll tordna li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Jeffrey Cassar sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lill-istess Jeffrey Cassar ghall-perjodu ta' tliet snin millum taht penali ta' elfejn, tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebhga w tletin centezmu (€2329.37).**

**Qeghda wkoll ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tibghat lill-imputat Yousef Essesi quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dottor Francesco Depasquale sabiex jitratta mieghu dwar il-ksur tal-Probabtion kif moghtija lilu minnu permezz ta' sentenza tal-1 ta' Marzu 2012.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**